MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2003

Numru. 170/2003

PULIZIJA
SPETTUR CHRISTOPHER PULLICINO
VS
OWEN MALLIA
TERENCE CIANTAR

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Owen Mallia ta’ 19 il-sena bin Alfred u Catherine nee Grima, imwieled Pieta fis-6 ta’ Lulju 1983 u joqghod 24, Sir Temi Zammit Street, Mtarfa ID338083M;
U Terence Ciantar ta’ 20 sena bin Benjamin u Sylvia nee Fenech, imwieled Pieta fil-5 ta’ Dicembru 1982 u joqghod 4, Alley 3, Rabat Road, Dingli ID 659882M talli mil-parking area fi Triq Sir Philip Pullicino, Mtarfa fil-lejl ta’ bejn it-2 u t-3 ta’ Lulju 2002, ikkommettew serq ta’ vettura ta’ ghamla Vauxhall Astra b’numru ta’ registrazzjoni IAA 829, liema serq huwa kkwalifikat fil-hin, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin u bin-natura tal-oggett misruq, liema serq sar ghad-dannu ta’ Jeffrey Vassallo.

Talli fl-istess zminijiet, hin u cirkostanzi xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif wkoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess data, lok, hin u cirksotanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara hija aktar minn hames mitt lira maltin, ghad-dannu ta' Jeffrey Vassallo.

Lil Owen Mallia wahdu talli ikkommetta diversi reati/delitti li ghalihom hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv tas-sentenzi sospizi, liema sentenzi huma definittivi u datati 20 ta' Lulju 2001 u 30 ta' Mejju 2002.

Talli kiser il-provedimenti ta' l-artiklu 9 tal-kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza datata 16 ta' Frar 2000 fejn hu kien misjub hati ta' reat u lliberat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

Talli irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50, u 289 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Nalta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali fil-konfront ta' Terence Ciantar, taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija fl-imputat.

Rat il-verbal tal-15 ta' Mejju 2003 fejn l-imputat Ciantar ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat il-verbal tal-14 ta' Lulju 2003 fejn l-imputat Ciantar ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Rat il-verbal tal-14 ta' Lulju 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talba tal-prosekuzzjoni ghall-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront ta' Terence Ciantar.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tal-imputat Ciantar il-Qorti ssibu hati skond l-akkuza u wara li rat Art 344, 20, 23, u 533 tal-kap 9 u Art 22 tal-kap 446 u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

In oltre tirrinvja l-atti lill-Avukat Generali ghall-kontinwazzjoni tal-kawza fil-konfront ta' Owen Mallia.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------